# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tmienja w Erbgħin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)*

## ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## ***Skużat***

## 1. ***Talba.***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. ***Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sebgħa w Erbgħin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015.***

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. ***Komunikat mis-Sindku***

3.1 Ma kien hemm l'ebda komunikat mis-Sindku.

## 4. ***Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mid-19 ta' Frar sal-11 ta' Marzu 2015***

4.1 Rigward talba għal danni li sofrew individwi fi Triq l-Ingiered, Marsa s-Sindku s-Sur Francis Debono talab li mill-evidenza li tidher din il-ħsara ma tistax tiġi aċċettata u l-Kunsill qed jitlob li tintbagħat ittra legali. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.2 Rigward il-permess ta' mera li għaliha ngħata l-permess tagħha minn Transport Malta lil Kumpanija Vahlmor Borġ il-Kunsill jitlob li din tiġi nstallata mill-istess Kumpanija. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill japprova riklam lill-Parroċċa tat-Trinita' Qaddisa fuq il-Programm tal-Festa għas-sena 2015 liema valur ma jeċċedhiex mija u ħamsin ewro (€150.00). Is-Sur Anthony Buħagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Gvern approva li jgħin lill-Kunsill fit-twettieq ta' tarmak ta' Triq it-Tiġrija għas-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000).

4.5 Is-Sur Dominic Spencer ta' rendikont taz-zjara tiegħu għal konferenza li saret fil-bidu tax-xahar fi Bridgwater fejn fost l-oħrajn qal li jekk ikun fil-Kunsill irid jippromwovi t-talent Marsi fi proposta li għamel hu u li ġiet milqugħha mill-Kunsill ta' Bridgwater, dik li jittella' festival Bridgwater Got Talent.

4.6 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-korrispondenza tiġi kkunsidrata bħala moqrija. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 5. ***Schedule of Payments 4/15***

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet, is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. ***Purchase Order 3997 - 4008***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3997 sa 4008 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 2981 - 2992*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2981 sa 2992 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Anthony Buhagiar ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Monument ta' Egħluq il-Mitt sena tal-Kappuċċini*

8.1 Is-Sindku talab li l-Kunsill jipprova jinawgura l-monument li għamel bħala tifkira tas-servizz tal-Kapuċċini fil-Marsa fl-elgħuq il-Mitt sena u għal dan il-għan għandu jsir komunikat mall-Provinċjal u l-Kapillani taz-zewġ parroċċi. L-inawgurazzjoni għandha tipprova ssir fl-ewwel gimgħa jew it-tieni ġimgħa ta' Marzu 2015. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. *Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

Ma kien hemm l'ebda mistoqsijiet mill-membri prezenti.

## 10. *Aġġornament tal-Laqgħa*

10.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 15 ta' April 2015 fl-erbgħa w nofs ta' filgħaxija (4.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta nieqes ħamsa ta' filgħaxija (5.55pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv